IL-KRITERJI GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-MALTI MITKELLEM

Il-vokabularju (4 marki)

0 - 1 - 2 - 3 - 4

Jinqeda biss bi kliem u frażijiet bażiċi fil-mod kif jesprimi ruħu. Idur għal kliem jew frażijiet b'lingwa oħra li mhix il-Malti.		Juża firxa wiesgħa ta' vokabularju li jkun addattat għas-sitwazzjoni partikolari tat-taħdit.

It-taħdit mexxej u l-interazzjoni (4 marki)

0 - 1 - 2 - 3 - 4

Jaf ikompli ma' min qiegħed ikellmu, imma jkun jeħtieġ għajnuna kontinwa.		Jaf ikompli ma' min qiegħed ikellmu, bla skossi u mingħajr tbatija żejda.

Il-korrettezza grammatikali (4 marki)

0 - 1 - 2 - 3 - 4

Jieħu żbalji morfoloġiċi u sintattiċi.		Jinqeda b'kostruzzjonijiet morfoloġiċi u sintattiċi korretti.

Ir-relevanza tad-diskors (3 marki)

0 - 1 - 2 - 3

It-tweġibiet mhumiex relevanti, minkejja l-għajnuna li jingħata.		Jifhem il-mistoqsijiet u/jew l-istruzzjonijiet u jwieġeb b'mod relevanti.

It-tlissin tal-kliem u l-intonazzjoni tad-diskors (3 marki)

0 - 1 - 2 - 3

Il-kliem huwa mlissen b'mod żbaljat u b'influwenza ta' lingwa barranija fl-intonazzjoni.		Il-kliem huwa mlissen b'mod tajjeb u b'intonazzjoni korretta.

Żewġ Marki Speċjali

Taħriġ 3 – Qabbel l-Istampi (marka) – Il-marka tal-eċċellenza tingħata lill-istudenti li f'dan it-taħriġ jilħqu **mill-inqas 2 kriterji** minn dawn:

- josservaw l-istampi sew u joħorġu dettalji sekondarji u jqabbluhom;
- jagħmlu referenzi u rabtiet ma' affarijiet li mhumiex preżenti fl-istampi;
- jagħtu l-interpretazzjoni u l-verżjoni kreattiva u immaġinattiva tagħhom ta' xi aspetti/ġrajjiet li jidhru fl-istampi.

Taħriġ 4 – Stampi dwar Tema (marka) - Il-marka tal-eċċellenza tingħata lill-istudenti li f'dan it-taħriġ jilħqu **mill-anqas 2 kriterji** minn dawn:

- jagħtu raġunijiet validi u elaborati għall-għażliet tagħhom tal-oġġetti;
- juru ħsieb immaġinattiv u ideat kreattivi u jaslu jduru fuq informazzjoni fattwali u esperjenzi personali;
- juru li għandhom ħila li jikkonvinċu biex jagħmlu l-għażla tagħhom aċċettabbli.